# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

**Appell Numru: 274/2014**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**vs**

**John Bezzina**

iben Carmelo, imwieled Pieta', fl-14 ta' Dicembru, 1948, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 1060648(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Bezzina akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fis-6 ta' April 2010 ghall-habta tat-8.30am f'ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Punta' Misrah Kola Attard, kif ukoll fix-xhur ta' qabel meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

> Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg billi fixkel lil Carmel Grech mill-pussess ta' hwejjgu.
>
> Il-prosekuzzjoni talbet sabiex jekk tkun tat xi piena, tordnalu t-tnehhija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar r-reat jew skont ic-cirkustanzi, li jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed ghal dak il-ghan izda f'ebda kaz ikar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza li tigi stabbilit mill-Qorti;

Il-prosekuzzjoni talbet sabiex fuq rikors f'dak is-sens mill-Pulizija f'kull zmien wara li persuna tkun instabet hatja ta' reat f'kaz ta' raguni li tinholoq wara f'kull kaz iehor, wara li jghaddi z-zmien mghoti mill-Qorti skont is-sub (3)(4), tawtorizza lill-Pulizija biex tnehhi kull disordni jew inkonvenjent li ghalih ikun jirreferixxi r-reat ghas-spejjez tal-hati, f'liema kaz il-hati jista' jigi mgieghel ihallas l-ispiza b'mandat mahrug mill-istess Qorti.

Il-prosekuzzjoni talbet sabiex tipprovdi ghas-siqurta' tal-persuna ta' haddiehor jew jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti. Izda, meta jkun hemm raguni ghaliex wiehed jahseb li, sabiex tithares il-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, l-obbligu msemmi fl-ahhar artikolu qabel dan ma jkunx bizzejjed, il-Qorti tista barra minn dan tordna lill-hati li jgib plegg tajjeb, u l-Qorti tista tordna wkoll li dak l-obbligu, bil-pleggerija, jew minghajra jibqa' ghal zmien mhux stabbilit jigifieri, sakemm il-Qorti jidhrilha li jkun hemm raguni tajba l-ghaliex dak l-obbligu m'ghandux jibqa' jsehh.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 85, 377(3)(5), 383 u 384 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-akkuzat hati u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €200 (mitejn Ewro) u ordnatlu illi jivvaka mill-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Punta', f'Misrah Kola, Attard, fi zmien xahrejn u fin-nuqqas, tali sentenza ghandha tigi ezegwita mill-Pulizija ezekuttiva permezz ta' rikors opportun u kull spiza ghandha tinkombi fuq l-imputat stess.

Rat ir-rikors tal-appellant John Bezzina minnu pprezentat fis-27 ta' Gunju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn sabitu hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u dan b'mod specjali fejn b'kull rispett, meta qeghdin fil-kamp kriminali, l-livell ta' prova huwa wiehed ghola minn dak probatorju, imma jrid tal-inqas jkun fil-livell li l-gudikant ghandu jkun konvint li ma jkollux ebda dubbju dettat mir-raguni, meta fl-istess sentenza jinghad li ma hemmx pussess ghax “it-tezi tal-imputat hi dik li Victor Muscat kien din l-ghalqa u mhux sellifielu izda hareg ukoll li dan l-anqas biex imponielu xi qbiela izda biss xi prodotti kull tant zmien", meta l-element mehtieg dwar il-pussess[1] huwa wiehed car jekk effettivament l-appellant kienx fil-pussess kontinwu u mhux interrot tal-art li jirrizulta ampjament mill-provi ;

2. IlIi fl-ebda hin matul it-30 sena ta' pussess kontinwu fl-art msemmija mill-appellant, huwa ma kien qed jezercita r-reat ta' raggion fattasi u dan kif huwa dejjem ritenut fil-gurisprudenza wiesgha u nostrali taghna fuq l-elementi mehtiega biex jigi pruvat dan ir-reat;

3. Illi wkoll l-ewwel Qorti kellha wkoll quddiema l-proceduri ohra fuq l-istess art li kopja taghhhom jiffurmaw parti minn dawn il-proceduri, kawza civili bejn il-kwerelanti kontra terzi u mhux kontra l-appellant dwar l-istess zgumbrament liema kawza CIT 1266/07 JRM ghadha pendenti u mill-istess qari tal-inkartament tal-kawza imsemmija, jirrizulta li effettivament l-appellant huwa l-persuna li ghandu forma ta' titolu zgur, pussess u mhux t-terza persuna li jidher f'din il-kawza civili u anke dan l-ewwel Qorti ghal raguni strana u ma tiftiehemx, skartata!!

4. Illi anke mill-istess xhieda tal-kwerelanti Carmel Grech fix-xhieda tieghu tat-2 ta' Lulju 2013, xehed dwar il-boundary wall u mhux dwar l-art innifisha tant li l-istess Qorti hasset li ghandha ssaqsi lill-istess kwerelanti Grech "Imma inti rajtu jwaqqghu?” fejn x-xhud wiegeb hekk “Le Jien personali qatt ma rajtu .. ", li turi indikazzjoni cara li l-kwerelanti kien qed kull darba jipprova jaghmel fishing expedition biex idur mar-reat ta' raggion fattasi, u li dan l-ewwel Qorti kellha wkoll tara!

5. Salv aggravji ohra;

---

[1] Ara sentenza P vs Joseph Bongailas deciza 2211 012001 Appell Kriminali, fejn il-pussess huwa marbut ma tgawdija tal-haga, fejn jinghad illi " anke jekk, u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss, hu minnu li l-kwerelanti kienu qed jabitaw fit-fond in kwistjoni fuq mera tolleranza, dan il-fatt wahdu, din il-koncezzjoni da parti ta' l-appellant, hu bizzejjed biex juri li kellhom id-dgwadija( u allura l-pussess ai termini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap 9) ta' dak it-fond"

Rat d-dokumenti esebieti u l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-uniku lment minnu ventilat l-appellant jishaq illi mill-provi akkwiziti l-elementi tar-reat ta' *raggion fattasi* ma jirrizultawx ippruvati billi l-pussess kontinwu u interrott kien f'idejh u mhux f'idejn il-parti leza li pprova jizgombra lill-appellant mill-art minnu okkupat ghal fuq minn tletin sena meta din il-proprjeta' allegatament ghaddiet f'idejn il-kwerelant.

Illi ghad kienu d-drabi li l-gurisprudenza taghna ghamlet esposizzjoni tal-elementi legali mehtiega sabiex jisussisiti r-reat tal-hekk imsejjah "*raggion fattasi.*" Dan ir-reat jimmaterjalizza ruhu kull meta jkun hemm:

> **a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;**
> **b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;**
> **c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;**
> **d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;**
>
> **Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu[2].**

---

[2] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea

Illi allura l-ewwel u qabel kollox sabiex jissussisti r-reat irid jkun hemm dak l-att spoljattiv li permezz tieghu l-awtur tieghu jfixkel jew jiddisturba l-uzu, tgawdija jew pussess tal-parti leza u allura icaqlaq l-*istatus quo* u dan billi jippretendi li ghandu xi jedd skont il-ligi. Infatti din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bongailas[3], hekk stqarret:

> **L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminalili jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.**
>
> **Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**

Dan ghaliex[4]:

> **'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'.**

Illi imfassla dawn l-elementi ta' dritt u inkwadrati fil-fattipsecje ta' dan il-kaz ghandu jirrizulta illi fil-fatt dan l-ewwel element kostituttiv tar-reat ma jezistiex fil-

---

Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

[3] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

[4] Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

kaz taht il-lenti tal-Qorti. Dan ghaliex huwa l-appellant, u cioe' il-persuna akkuzata, li ghandu l-pussess, tgawdija u uzu tal-proprjeta` mertu tal-kaz u huwa fil-fatt il-parti leza li qed jipprova ifixxklu fit-tgawdija ta'l-istess meta jsostni illi l-appellant ma kellux jedd skont il-ligi ikompli fl-okkupazzjoni ta' dan ir-raba, liema okkupazzjoni jidher li kienet wahda kostanti ghal tletin sena shah ghalkemm dan setgha kien b'mera tolleranza. Tant hu hekk illi meta din il-proprjeta` giet f'idejn il-parti leza huwa istitwixxa proceduri civili sabiex jigi determinat id-dritt tieghu skont il-ligi fuq din il-proprjeta`.

Illi jirrizulta mill-atti illi nhar il-15 ta' April tas-sena 2010 għall-ħabta tad-9 ta' fil-ghodu Carmel Grech għamel rapport l-għassa tal-Birkirkara fejn saħaq illi huwa sid l-għalqa magħrufa bħala 'tal-Punta' f'Misraħ Kola u li ċertu John Bezzina u cioe' l-appellant kien qed jaħdem din l-għalqa u jeżerċita pussess fuq l-istess għalqa mingħajr l-ebda titolu validu fejn konsegwentement kien qed itellfu mill-pussess ta' ħwejjġu. Infatti dakinhar stess tar-rapport il-kwerelant kien għadda minn fejn l-għalqa tiegħu fejn innota li din kienet għada qed tinħadem. In sostenn tad-dritt tieghu fuq din l-għalqa Grech ippreżenta kuntratt datat 19 ta' Awwissu 1996 fl-atti tan-Nutar Carmelo Gafa' minn fejn jidher li hu kien akkwista l-għalqa in kwistjoni mingħand certu Victor Muscat minn Birkirkara.

Il-pulizija ġew moghtija wkoll żewġ affidavits illi saru minn Victor Muscat u mill-kwerelant li jikkonfermaw in-nuqqas ta' dritt u ta' titolu tal-appellant fejn allura gie allegat illi dan kien qed jaħdem l-għalqa mingħajr l-ebda jedd fil-liġi. Illi fix-xiehda tieghu fil-qorti l-appellant saħaq illi l-art in kwistjoni kien filfatt ghaddihielu Victor Muscat u hu kien jaghtih kumpens ghall-okkupazzjoni tieghu tal-art permezz ta' xi prodott li kien jahsad mill-istess ghalqa. Illi allura kwalunkwe ftehim li seta' sar bejn Muscat u l-kwerelant Grech, li da parti tiegħu qatt ma resaq lejn l-għalqa in kwistjoni, sar ħafna wara li hu kien ftiehem ma' Muscat sabiex jokkupa dina l-ghalqa. Konsegwentement l-appellant jippretendi illi għandu kull

dritt li jibqa' jaħdem fl-għalqa in kwistjoni. Muscat izda jikkontendi illi l-ghalqa kien ghaddieha lill-appellant b'mera tolleranza u li dan kellu jizgombra mill-istess hekk kif din tinbiegħ.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ewwel Qorti sabet htija ghall-akkuza addebitata lill-appellant meta straħet fuq il-verżjoni tal-fatti kif moghtija mill-parte ċivile u mix-xhud Victor Muscat. Filwaqt li l-parte ċivile u Muscat, kif inghad, isostnu illi l-appellant kien qiegħed jaħdem l-għalqa in kwistjoni b'mera tolleranza sakemm l-art in kwistjoni tinbiegħ, f'liema stadju l-appellant kellu jizgombra mill-għalqa, l-appellant jisħaq illi Muscat kien tah l-art in kwistjoni sabiex jaħdimha u dan mingħajr ħlas, fejn hu kien jaghtih ħaxix milli kien jiżra' fl-istaġjun li jkun u skont il-bżonn. L-appellant jiċħad li Muscat qatt talbu jitlaq jew jizgombra mill-għalqa. Isostni illi minn naha tieghu l-parti leza Grech qatt ma resaq lejn l-għalqa in kwistjoni filwaqt li jisħaqq li hu għandu l-pussess tal-għalqa, u li ilu f'dan il-pussess għal diversi snin. Konsegwentement m'għandux jiġi mċaħħad minnha f'dan l-istadju.

Illi allura minn dawn iz-zewg verzjonijiet tal-fatti hemm fattur wiehed komuni u cioe' illi ghal snin twal kien l-appellant li kellu l-uzu u tgawdija tal-ghalqa mertu ta' dan il-kaz u mhux il-parti leza, ghalkemm dan tal-ahhar jallega li issa ghandu jedd ta' proprjeta fuq l-istess. Illi allura ma gie kommess l-ebda att spoljattiv minn naha tal-appellant li permezz tieghu fixkel lil parti leza mit-tgawdija ta'l-istess biex b'hekk ir-reat ta' raggion fattasi ma jistax jissusisti ghaliex f'dan il-kaz hija l-persuna akkuzata bil-kummissjoni tar-reat li ghandha l-pussess tal-oġġett jew tal-art formanti l-mertu tal-każ u allura qieghda tirretjeni dak il-pussess.

Illi kaz konsimili, ghalkemm mhux identiku, kien dak fl-ismijiet - 'Il-Pulizija vs Jane Scicluna[5]' fejn il-Qorti hekk irriteniet:

> **Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta` mobbli jew immobbli. L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-*actio spolii* – huwa li tipprotegi l-*istatus quo.***

Huwa minnu li l-parte ċivile qed jisħaqq li minħabba l-preżenza tal-appellant, hu mhuwiex f'posizzjoni illi jgawdi l-art jew li jaħdem l-art skont it-titlu li hu akkwista permezz tal-iskrittura li għamel ma' Muscat, madankollu fid-dawl tal-fatt li l-appellant evidentement kellu l-użu u t-tgawdija tal-art in kwistjoni bil-kunsens ta' sidha, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti meta rriteniet li l-komportament tal-appellant jissodisfa l-elementi tar-reat ta' *raggion fattasi*.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qieghda tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija u piena. Bid-drittijiet civili spettanti lill-partijiet jibqghu impregudikati b'din id-decizjoni.

Edwina Grima

Imħallef

---

[5] Appell Inferjuri deciz fid-09 ta' Frar, 2010.